**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 181/2016/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**James Camilleri**

Illum 24 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **James Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 534995(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fil-11 ta' Mejju 2015 u fit-tliet xhur ta' qabel din id-data:

1. biegħ jew xort'oħra ttraffika l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' Artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i), it-tieni proviso ta' Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom illiberatu, sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2) (limitatament għad-data tal-11 ta' Mejju 2015) u tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu disa' (9) xhur priġunerija u ħlas ta' multa ta' ħames mitt Euro (€500). B'applikazzjoni ta' Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta' mitejn, tmienja u disgħin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€298.56) rappreżentanti ħlas tal-espert nominat.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-24 ta' Frar 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D., nhar id-9 ta' Frar 2022, billi tikkonferma il-parti fejn ma sabitx lill-imputat ħati u ċioè tal-ewwel u t-tielet akkuża, filwaqt li tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fejn sabitu ħati tat-tieni u r-raba' akkuża, u tilliberah mill-istess, u fin-nuqqas tinfliġġi piena aktar mite fiċ-*

*ċirkostanzi kollha tal-każ kif sottomessi u dan anki b'diskrezzjoni li tippermetti l-liġi f'ċertu ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza li ġiet mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' Frar 2022. Fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma n-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija tiegħu fl-ewwel (1) u fit-tielet (3) imputazzjoni, idawwar is-sejbien ta' ħtija tiegħu fit-tieni (2) u fir-raba' (4) imputazzjoni biex b'hekk jiġi liberat mill-imputazzjonijiet kollha. Fin-nuqqas jitlob piena aktar miti.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u

sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kienx messha ssib ħtija dwar pussess aggravat peress illi kif qalet l-istess Qorti hija sabet ħtija biss permezz ta' provi cirkostanzjali.

Illi fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u ċioè dik li tirrigwarda pussess aggravat ta' *cannabis*, din il-Qorti tinnota li kemm mix-xiehda ta' PS 1086 Johann Micallef (*a fol.* 21 *et seq.*) u kif ukoll mix-xiehda ta' PS 1348 Joseph Campbell (*a fol.* 23 *et seq.*) jirriżulta mingħajr ebda dubju li fil-11 ta' Mejju 2015 l-appellant kellu fil-pussess tiegħu d-droga *cannabis*. Mir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS" – *a fol.* 37 *et seq.*) jirriżulta li b'kollox il-piż totali kien dak ta' 13.12 grammi *cannabis*. Minn dan l-ammont l-appellant kellu fuqu l-ammont ta' 4.14 grammi. L-Ewwel Qorti qieset li l-ammont li kellu fuqu l-appellant kien jeċċedi l-ammont li wieħed normalment juża ta' 0.2 grammi. Minbarra dan l-Ewwel Qorti qieset ukoll li l-fatt li d-droga kienet ipproċessata fi qratas differenti kien juri li dawn kienu ntiżi għal użu ta' diversi drabi. Jiġi nnutat li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li ma tagħtix piż lix-xiehda mogħtija minn Michaela Farrugia (l-eks tfajla tal-appellant) minħabba li ma setgħetx tindika ġurnata partikolari meta kien mar jiġborha.

Illi apparti dak li ngħad mill-Ewwel Qorti u li ġie riprodott fil-paragrafu preċedenti u li din il-Qorti tagħmlu tagħha, din il-Qorti tagħmel riferenza għax-xiehda mogħtija minn Axel Camilleri fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2019 (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn qal hekk:

> "[...X]'ħin wasalna l-kantin kien hemm James Camilleri u ġie fuq il-mejda magħna, u mbagħad ftit wara ġew il-Pulizija."

Illi dan ifisser li l-appellant ma kienx mar biex jiġbor lit-tfajla tiegħu peress li kieku kien hekk huwa kien ikun fil-kumpanija tagħha u mhux fil-kumpanija ta' Axel Vella.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u konsegwentement l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-każ imur lura għas-sena 2015 u li l-Pulizija naqsu milli jinvestigaw il-verżjoni mogħtija minnu li kien qiegħed l-MCAST sabiex jiġbor lit-tfajla tiegħu. Jargumenta li minħabba dan in-nuqqas, l-Ewwel Qorti skartat ix-xiehda mogħtija minnha sitt snin wara bħala waħda mhux konvinċenti u dana minħabba li ċertu dettall ma kienx qed jiġi miftakar. Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti kien messha tat aktar piż lix-xiehda tal-eks tfajla tiegħu li kien imur jistennieha biex imorru d-dar flimkien.

Illi għajr dak li diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza fir-rigward tal-eks tfajla tal-appellant u tax-xiehda mogħtija minn Axel Vella, din il-Qorti ma għandha xejn aktar xi tgħid dwar id-depożizzjoni mogħtija mill-eks tfajla tal-appellant. Din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Ewwel Qorti u konsegwentement it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni mhuwiex biżżejjed li l-Prosekuzzjoni turi li r-reat seħħ fi skola mingħajr ma ssir prova ta' dak li jikkwalifika l-

post fit-termini tat-tieni proviso ta' Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jingħad mal-ewwel li dan huwa aggravju frivolu u dana b'mod partikolari kemm minħabba l-fatt li m'hemmx ħtieġa li ssir prova li MCAST hija skola u aktar u aktar minħabba l-fatt li, kif indikat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, kien l-istess appellant li qal li tali prova ma kinitx bżonnjuża. Fil-fatt din il-Qorti tirreferi għal verbal tas-seduta miżmuma fid-19 ta' Novembru 2019, fejn quddiem l-Ewwel Qorti ġie verbalizzat hekk (*a fol.* 49):

> "Il-Prosekuzzjoni qed titlob sabiex jinħatar espert u dan rigwardanti r-raba' imputazzjoni (100 metru). Il-PL Zammit għan-nom tal-imputat jiddikjara illi l-kwistjoni tal-100 metru ma hijiex in diskussjoni stante li l-imputat ġie arrestat fil-*canteen* tal-istess MCAST, għaldaqstant il-ħatra tal-espert ma hijiex neċessarja u qed jiġi konfermat li l-arrest sar fil-parametri tal-akkuża numru 4."

Illi tenut kont ta' dan din il-Qorti ser tiċħad ukoll l-aggravju in eżami.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jilmenta li tenut kont tat-trapass taż-żmien, il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti tmur kontra l-prinċipju ta' korrezzjoni speċjalment minħabba l-fatt li hu biddel ħajtu u ma għadux jabbuża mid-droga. F'dan ir-rigward l-appellant jagħmel riferenza għall-emendi li saru fil-liġi dwar l-użu ta' *cannabis* u jisħaq li l-ammont li kellu fuqu jaqa' fil-parametri ta' dawn l-emendi.

Illi din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 4A(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba'

> grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, ma għandux jikkostitwixxi reat, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis:
>
> Iżda kwalunkwe persuna taħt l-eta' ta' tmintax (18) il-sena li tinstab b'tali pussess tad-droga kannabis [...]."

Illi s-sub-Artikolu hawn fuq ikkwotat jistabbilixxi li persuna li għandha aktar minn tmintax (18)-il sena u li tinsab fil-pussess ta' mhux aktar minn seba' grammi tad-droga *cannabis* ma għandux ikun miżmum f'kustodja dejjem jekk huwa ma jkunx qed jittraffika tali droga.

Illi minn dak deċiż aktar 'il fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li din l-eżenzjoni ma tapplikax għal każ odjern minħabba li rriżulta ppruvat li d-droga misjuba ma kinitx għall-użu esklussiv tal-appellant.

Illi dwar il-piena din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li mill-atti proċesswali jirriżulta li minkejja li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-appellant allura imputat sabiex jiġi mħejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tiegħu, jirriżulta wkoll li għall-ewwel l-appellant naqas li jattendi għal numru ta' appuntamenti li ġew mogħtija lilu mill-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Attard sabiex hija tkun tista' tħejji r-rapport tagħha, imbagħad l-Uffiċjal tal-*Probation* imsemmija xehdet hekk (*a fol.* 28):

> "Mela Sinjura Maġistrat jiena tqabbadt minn din il-Qorti biex nagħmel *Social Inquiry Report* pero' ma ninsabx fil-pożizzjoni li nippreżentah għaliex James naqas milli jattendi għall-appuntamenti. Ingħata diversi appuntamenti anke skont il-kumdita' tiegħu pero' naqas milli jattendi. L-aħħar appuntament qal li seta' jiġi biss ġimgha gabel din is-seduta li jien ma kienx ħa jkolli biżżejjed ħin biex inlesti rapport f'ġimgħa u lanqas kien hemm l-opportunita' li nara l-impenn tiegħu għal attendenza tal-appuntamenti. Attenda, qaleb il-ġranet xorta attenda l'għada, m'attendiex meta suppost kellna l-*urine testing*. Barra minn hekk miż-żewġt (2) *sessions* li kelli miegħu jiena għamilt, l-affarijiet li stat nagħmilhom jiena għamilthom għax mort *home visit*, ġbart l-informazzjoni. Irriżulta wkoll li hemm problema ta' dipendenza fuq il-kannabis, għal-liema użu ma juriex motivazzjoni li jixtieq jieqaf jew li lest li jagħmel xi ħaġa għaliha. F'dan ir-rapport m'għandiex lok iktar fejn nipprova naħdem miegħu."

Illi tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami u tenut kont ukoll tal-piena li l-Ewwel Qorti setgħet tipprefiġġi fil-konfront tal-appellant allura imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati, din il-Qorti tinnota li din il-piena hekk erogata mill-Ewwel Qorti mhux biss taqa' fil-parametri tal-liġi talli tqarreb lejn il-minimu. B'hekk ir-raba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant James Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**